MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 570/2003

**Perit Alexander Bezzina u Perit Keith Cole f'isimhom proprju u ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` BAC Ltd.**
**vs**

**Mark Anthony Zahra**

**It-Tribunal,**
**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-atturi fit-13 ta' Marzu, 2003 fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u hamsa u erbghin lira Maltija (Lm445.00), rapprezentanti drittijiet professjonali in konnessjoni mal-progett ta' konstruzzjoni ta' maisonette fuq il-garaxx fi Triq Antonio Azzopardi, Lija;**
**Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data ta' l-effettiv pagament u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-25 ta' April 2003, fejn intqal :**

**i. Illi preliminarjament il-konvenut jeccepixxi l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni u dan ai termini ta' l-Artikolu 2149 (c) tal-Kap.16 tal-ligijiet ta' Malta ;**
**ii. Illi fit-tieni lok l-ammont mitlub mhux dovut stante illi x-xoghol ma sarx bid-diligenza mehtiega u skond l-ahjar regoli ta' l-arti u s-sengha;**
**iii. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub hu eccessiv.**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez.**

**Semgha x-xhieda tal-Perit Keith Cole u ta' Mark Anthony Zahra. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. L-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut hi li l-azzjoni hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2149 (c) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li d-dritt ghall-azzjoni jaqa' bl-gheluq ta' sentejn .**
**2. Jirrizulta li l-ammont mitlub huwa ghal drittijiet professjonali in konnessjoni ma' xoghol esegwit lill-konvenut, u precizament: "construction of maisonette over underlying garage at Triq Antonio Azzopardi, Lija", skond ma jirrizulta mill-kont Dok. MZ1 esebit. Dan il-kont huwa datat 4 ta' Novembru, 1999, u huwa ghall-ammont mitlub.**
**3. Jirrizulta li kienet intbaghatet ittra ohra lill-konvenut sabiex ifakkru dwar il-hlas, liema ittra hija datata 24 ta' Mejju, 2000, Dok.MZ2.**
**4. L-attur, il-Perit Cole spjega li kienu ssottomettew il-pjanti lill-Planning Authority, kienu saru diskussjonijiet ma' l-istess u mad-Development Control Comisión, peress li kien hemm problema minhabba s-"skyline".**
**5. Il-konvenut xehed li x-xogholijiet bdew qabel Novembru u gew terminati fis-sena 1999. Il-konvenut qed jghid li x-xoghol ma sarx skond il-Ligi, u l-applikazzjoni ghall-permess ma kienetx harget. Il-konvenut cahad li l-ammont hu dovut. Hu xehed hekk: "Jiena nghid illi ma ridtx inhallas peress illi x-xoghol li inghatajt ma kienx professjonali, peress illi gie rrifjutat. Il-konvenut esebixxa fir-rigward ittra**

**minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar fejn intqal li d-disinn propost ma kienx accettabbli. Din l-ittra hija datata 18 ta' Mejju, 2000. Il-konvenut jikkonferma li rcieva ittra ghal hlas kif ukoll ittra interpellatorja.**

**6. Il-konvenut jghid hekk dwar il-kontijiet li rcieva: "Qatt ma kont wegibthom, pero` kien hemm diskors, mas-segretarja taghhom fejn ghidtilha li l-kontijiet kienu esagerati." Ma jirrizultax meta ntqal dan id-diskors mas-segretarja ta' l-atturi.**

**7. Ma jirrizultax li saret ittra ufficjali kontra l-konvenut, jew xi att iehor li seta' interrompa l-perijodu preskrittiv. Lanqas ma kien hemm ammissjoni kif tistipula l-Ligi. Ghalhekk in kwantu din l-azzjoni giet intentata fit-13 ta' Marzu, 2003, ossija tlett snin u erba' xhur wara li hareg il-kont, u ma kien hemm xejn li kiser dan il-perijodu preskrittiv, jigi li l-azzjoni hi preskritta.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, u jiddikjara l-azzjoni preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2149(c) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, u konsegwentement jichad it-talba.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-atturi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------